MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-12 ta' Jannar, 2007

Appell Kriminali Numru. 277/2006

**Il-Pulizija**

**v.**

***… omissis …***
**Daniel Paul Grima**
***… omissis …***

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Daniel Paul Grima (u ohrajn) talli f'dawn il-Gzejjer, fis-7 ta' April 2004 u fil-granet ta' qabel, fil-Malta International Airport, Gudja:

(1) Ikkommettew serq ta' diversi oggetti fosthom telephones cellulari tad-ditta Sony Ericsson P800 u ditti

ohrajn ghad-detriment ta’ Charles Zammit u persuni ohra, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur, bil-hin u bil-persuna;

(2) Fl-istess zmien u cirkostanzi laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa jew akkwistati b’reat, sew jekk dan sar Malta u sew jekk sar barra minn Malta, jew xjentement, b’kull mod li jkun, indahlu biex ibieghuhom jew imexxuhom;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-27 ta’ Lulju 2006, li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Daniel Paul Grima hati ta' l-ewwel imputazzjoni izda mhux hati tat-tieni imputazzjoni stante li din kienet alternattiva ghall-ewwel imputazzjoni u ghalhekk minnha lliberatu u, wara li rat l-artikoli 261(c)(e)(f), 267, 268(a), 270, 280(1) u 334 tal-Kap. 9, ikkundannatu ghal sittax-il xahar prigunerija sospizi ghal sentejn u rrakkommandat lill-Bord tad-Dixxiplina tal-Post tax-Xoghol li jikkonsidra l-elementi pozittivi msemmijin fis-sentenza appellata qabel ma jiehu d-decizjoni tieghu;

Rat ir-rikors ta’ appell ta' l-imsemmi Daniel Paul Grima pprezentat fit-3 ta’ Awissu 2006 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tikkonferma s-sentenza appellata fejn sabitu hati u tvarja l-piena nflitta u tipprovdi piena alternattiva;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-appell in kwistjoni huwa mill-piena u in materja ta' piena l-principju regolatur huwa li din il-Qorti mhux normali li tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti fl-ghoti tal-piena sakemm din ma tkunx tohrog barra mil-limiti stipulati fil-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun fil-fatt inghatat[1]. Minn ezami ta’ l-artikoli relevanti

[1] Ara, fost ohrajn, Appelli Kriminali: **Il-Pulizija vs Nikola Farrugia et**, 2 ta' Ottubru 2002; **Il-Pulizija vs Maurizio Massimiliano**, 13 ta' Novembru 2003; **Ir-Repubblika ta'**

tal-Kodici Kriminali jirrizulta li l-piena nflitta taqa' fil-parametri tal-ligi peress illi l-appellant seta' gie kkundannat ghal massimu ta' tliet snin prigunerija. Imbaghad l-ewwel Qorti ghaddiet biex tapplika l-provvedimenti ta' l-artikolu 28A tal-Kap. 9 sabiex tissospendi l-bidu fis-sehh tas-sentenza. Inoltre hawn si trattava ta' ammissjoni u fit-termini tal-gurisprudenza ormai kostanti tal-Qrati taghna, meta jkun hemm ammissjoni huwa xi ftit jew wisq odjuz appell minn piena sakemm din tkun tirrientra fil-limiti li tipprefiggi l-ligi. Dan huwa hekk peress illi min jammetti jkun qieghed jassumi r-responsabilita` tad-decizjoni li jkun ha u jirrimetti ruhu ghal kull decizjoni dwar piena li l-Qorti tkun tista' tasal ghaliha. Naturalment dan ma jfissirx li din il-Qorti u Qrati ohra ta' appell ma jidhlux f'ezami akkurat tac-cirkostanzi kollha biex jaraw jekk il-piena nflitta kenitx eccessiva jew le.

Fil-kaz in ezami l-appellant jissottometti illi l-piena kienet fic-cirkostanzi iebsa wisq. Jirreferi ghall-kooperazzjoni tieghu mal-Pulizija, il-kooperazzjoni tieghu mal-gustizzja u l-ammissjoni tieghu fi stadju bikri – fatturi dawn li l-ewwel Qorti fil-fatt ikkunsidrat fl-ghoti tas-sentenza flimkien mal-fatt li l-oggetti misruqa nghataw lura.

L-appellant jghid illi ghandu fedina penali nadifa. Izda minn ezami tal-fedina penali aggornata ta' l-appellant ma jirrizultax li din hija ghal kollox nadifa peress illi b'sentenza tas-16 ta' Mejju 2002 gie kkundannat ghal multa ta' Lm270 u sena sospensjoni tal-licenzja tas-sewqan dwar ksur ta' xi regolamenti tat-traffiku u sewqan ta' vettura minghajr ma kienet koperta b'polza tas-sigurta` u fid-9 ta' Lulju 2003 nghata *conditional discharge* ghal tliet xhur dwar ksur ta' l-artikoli 95, 96, 339(a)(d), 338(dd)(ff) tal-Kap. 9, u dan oltre sentenzi tal-5 ta' Frar 1998 u ta' l-10 ta' Gunju 2005 fejn gie kkundannat ammendi ta' Lm10 u Lm5 rispettivament dwar xi kontravvenzjonijiet.

L-appellant isemmi wkoll li kellu problemi personali li kien ghaddej minnhom fil-mument tal-kaz *de quo* u li dawn issa

---

**Malta vs David Vella**, 14 ta' Gunju 1999; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina**, 24 ta' April 2003.

ssuperahom. Effettivament din il-Qorti semghet ix-xiehda ta' Liliana Micallef, *social worker* ma' l-Agenzija Sedqa, li xehdet illi l-appellant kien beda kuntatt ma' l-Agenzija f'Awissu 2005 minhabba li kien qieghed jabbuza minn diversi tipi ta' drogi izda minn dak iz-zmien is-sitwazzjoni saret tant stabbli illi f'Lulju 2006 gie deciz li ma kienx hemm ghalfejn jibqa' f'kuntatt mal-*key worker* tieghu.

L-appellant jghid illi kien gie sospiz mix-xoghol b'konsegwenza ta' l-incident in kwistjoni u li wisq probabbli ser jitlef ix-xoghol tieghu ma' l-Air Malta. Jghid illi l-legislatur jipprovdi ghal pieni alternattivi precizament biex jigu kkunsidrati sitwazzjonijiet differenti li imputat jista' jinstab fihom u tenut kont ic-cirkostanzi differenti ta' kull kaz. Piena anqas gravi, ikompli l-appellant, filwaqt illi ma taffettwax il-htija tieghu, tista' tippermetti li ma jitlifx xoghlu u jibqa' integrat fis-socjeta` u mhux emarginat kif jista' jigri jekk jitlef xoghlu. Huwa precizament ghalhekk illi d-difiza qed titlob illi l-appellant jitqieghed taht *probation*. Effettivament jidher li dan il-fattur kien qieghed jippreokkupa lill-ewwel Qorti wkoll, tant li ghamlet ir-rakkommandazzjoni taghha fir-rigward.

Din il-Qorti hasbet fit-tul dwar ic-cirkostanzi kollha tal-kaz u dwar is-sottomissjonijiet li sarulha mill-abbli difensur ta' l-appellant, filwaqt li nnotat ukoll illi anke l-ufficjal prosekutur ma sabx oggezzjoni li l-appellant jitqieghed taht *probation*, u hija tal-fehma li ordni ta' *probation* ikun aktar idoneju f'dan il-kaz peress illi din il-mizura tikkomprendi fiha kemm l-element deterrent – stante li jekk l-appellant jikkommetti reat iehor matul il-perijodu ta' *probation* jehel ukoll il-piena dwar il-kaz odjern – kif ukoll l-element riformattiv – stante illi jkun taht il-harsien ta' ufficjal tal-*probation* li jkun jista', *inter alia*, jaghti pariri siewja u jghin lill-*probationer* b'kull mod li jkun sabiex izomm 'il boghod minn kull tip ta' attivita` kriminali u sabiex jikkonforma ruhu mal-kondizzjonijiet kollha fl-istess ordni. Inoltre, minhabba li jidher li ghal xi zmien l-appellant kien qieghed jabbuza mid-drogi kif ukoll minhaba li f'zewg okkazjonijiet separati jidher li nstab hati ghax kien fis-sakra b'mod li ma kienx jista' jiehu hsieb tieghu nnifsu, din

il-Qorti hija konvinta illi din hija l-ahjar mizura li tista' tigi applikata fil-kaz in ezami.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tilqa' l-appell, tirriforma s-sentenza appellata u filwaqt illi tikkonfermaha in kwantu sabet lill-appellant hati ta' l-ewwel imputazzjoni u mhux hati tat-tieni imputazzjoni li minnha lliberatu, tirrevokaha in kwantu kkundannatu ghal sittax-il xahar prigunerija sospizi ghal sentejn u minflok tqieghdu taht probation a tenur ta' l-artikolu 7 tal-Kap. 446 ghal perijodu ta' tliet snin millum taht is-sorveljanza ta' ufficjal tal-probation li jigi nominat ghal dan l-iskop u bil-kondizzjonijiet kollha fil-*probation order* li qieghed jigi hawn anness.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------